

31994L0053

L 299/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

22.11.1994

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 94/53/KE****tal-15 ta' Novembru 1994**

**li temenda l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 93/91/KEE li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 78/316/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-muntaġġi nterni tal-vetturi bil-mutur (Identifikazzjoni tal-kontrolli, *tell-tales* u indikaturi)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

L-Artikolu 2

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom<sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/81/KEE<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 78/316/KEE tal-21 ta' Diċembru 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-muntaġġi nterni tal-vetturi bil-mutur (identifikazzjoni ta' kontrolli, *tell-tales* u indikaturi)<sup>(3)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/91/KEE<sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi mhuwiessenzjali li l-vetturi li diġà ingħataw l-approvazzjoni tat-tip f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 78/316/KEE għandhom ikunu emendati biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/91/KEE;

Billi, iżda, din il-konformità għandha tkun assigurata għal tipi ġodda ta' vetturi li għalihom hija meħtieġa l-approvazzjoni tat-tip tal-KE li tikkonċerna l-identifikazzjoni ta' kontrolli, *tell-tales* u indikaturi b'effett mill-1 ta' Ottubru 1995;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Addattament għal Progress Tekniku stabbilit bid-Direttiva 70/156/EEC,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

It-tielet inċiż ta' l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/91/KEE għandu jitħassar, kif ukoll il-kelma 'u' fi tmiem it-tieni inċiż u l-*virgola* fi tmiem l-ewwel inċiż, li għandha tinbidel bil-kelma 'u'.

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva qabel il-31 ta' Marzu 1995. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-2. pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-riferenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

*L-Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Novembru 1994.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Membru tal-Kummissjoni*<sup>(1)</sup> ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 264, tat-23.10.1993, p. 49.<sup>(3)</sup> ĠU L 81, tat-28.3.1978, p. 3.<sup>(4)</sup> ĠU L 284, tad-19.11.1993, p. 25.